

L-immaniġġjar tal-aċċess għall-IMI

1. MIN JISTA' JIMMANIĠĠJA L-AĊĊESS GĦALL-IMI?	2
2. REĠISTRAZZJONI TA' AWTORITÀ	2
2.1. IR-REĠISTRAZZJONI TA' AWTORITÀ FL-IMI	2
2.2. L-ISTEDINA LILL-AWTORITAJIET GĦAL AWTOREĠISTRAZZJONI	4
3. AWTORITAJIET TAL-IMMANIĠĠJAR U UTENTI	4
3.1. L-AWTORITAJIET TAL-IMMANIĠĠJAR	4
3.2. IMMANIĠĠJAR TAL-UTENTI	5
4. GĦOTI TA' AĊĊESS GĦAL MODULU INTRODOTT REĊENTEMENT	6
5. TNEĦĦIJA TA' AWTORITÀ MILL-IMI	7



1. MIN JISTA' JIMMANIĠĠJA L-AĊĊESS GĦALL-IMI?

Il-Koordinaturi Nazzjonali tal-IMI (magħrufin bħala **NIMIC**) huma responsabbli li jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti jkunu reġistrati fl-IMI u li jkollhom aċċess għall-moduli korrispondenti fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom. In-NIMICs jistgħu jiddelegaw din ir-responsabbiltà – parzjalment jew b'mod sħiħ - lil awtoritajiet reġistrati oħrajn.

Fl-IMI, l-awtoritajiet li jimmaniġġjaw l-aċċess għas-sistema jissejju **Maniġers tal-Aċċess**. Apparti milli jirreġistraw awtoritajiet u l-utenti ġodda, u jagħtu aċċess għal moduli speċifiċi, il-maniġers tal-aċċess jiżguraw li d-dejta dwar l-awtoritajiet tinżamm appdejtata.

Bosta awtoritajiet responsabbli għall-immaniġġjar tal-aċċess huma wkoll responsabbli għall-iskambju tal-informazzjoni u/jew jikkoordinaw l-iskambji ta' informazzjoni fl-IMI.

Id-drittijiet assenjati lil utenti fi ħdan awtorità jiddependu mir-responsabilitajiet individwali tagħhom. Biex jirreġistra u jimmaniġġja awtoritajiet oħra, **utent f'Maniġer tal-Aċċess għandu jkollu d-drittijiet ta' Amministratur**.

2. REĠISTRAZZJONI TA' AWTORITÀ

Il-Maniġers tal-Aċċess huma responsabbli biex jirreġistraw awtoritajiet kompetenti li jkollhom bżonn jużaw l-IMI. Bħala utente f'Maniġer tal-Aċċess bid-drittijiet ta' Amministratur, tista' jew:

- tirreġistra awtorità fl-IMI **int stess**, jew
- tista' tistieden lill-awtorità biex **tirreġistra lilha nfisha**.

 Awtorità għandha tkun **reġistrata fl-IMI darba biss**. Qabel ma tirreġistra awtorità, iċċekkja hix diġà reġistrata. Jekk inhi, li jkollok bżonn tagħmel hu li:

- tagħtiha aċċess għal modulu addizzjonali (ara t-taqsim 2.1.2)
- tirreġistra utenti addizzjonali
- u/jew tibdel ir-rwoli assenjati ta' utenti eżistenti (ara t-taqsimiet 3.2).

Jekk awtorità għadha **mhix** reġistrata, **jew** irreġistrahha int stess **jew** ibgħatilha stedina ta' awtoreġistrazzjoni.

2.1. IR-REĠISTRAZZJONI TA' AWTORITÀ FL-IMI

Bħala **Maniġer tal-Aċċess** tista' tirreġistra awtorità ġdida billi tuża fil-menu l-opzjoni "Amministrazzjoni". Hemm 2 passi:

1. Daħħal id-dettalji tal-awtorità u l-ewwel utente.
2. Agħti lill-awtorità aċċess għal moduli xierqa.

2.1.1. IR-REĠISTRAZZJONI TAD-DETTALJI TAL-AWTORITÀ U L-EWWEL UTENT

Dañhal id-dejta li ġejja:

- l-isem uffiċjali tal-awtorità u t-titlu informali (sabiex l-oqsma li għalihom hi responsabbli tagħmilhom ċari għall-kontropartijiet tagħha)
- id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità (p.e. in-numru tat-telefown, l-indirizz u l-websajt)
- l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-ewwel utent għandhom jiġu reġistrati għall-awtorità.

Agħżel entrati xierqa mil-listi ta' klassifikazzjoni biex tinforma l-kontropartijiet dwar id-dominju ta' responsabbiltà tal-awtorità.

 L-ewwel utent awtomatikament jirċievi password temporanja permezz ta' email. **Hu l-kompitu tiegħek li tgħid lill-utent il-username tiegħu jew tagħha.** Għal raġunijiet ta' sigurtà, **ma għandekx** tuża email għal dan l-iskop.

L-ewwel utenti jingħataw drittijiet ta' Amministratur, li jippermettilhom li:

- jappdejtjaw id-dettalji tal-awtorità fl-IMI
- jirreġistraw, jappdejtjaw u jneħħu l-utenti
- jissettjaw mill-ġdid il-passwords.

Għal aktar informazzjoni, ara l-linji gwida għall-Amministraturi - [Immaniġġjar tal-awtorità tiegħi u tal-utenti](#).

Issa rreġistrajt l-awtorità u l-ewwel utent tagħha fl-IMI. Il-kompitu li jmiss hu li jingħata aċċess għal modulu(i) rilevanti tal-IMI.

2.1.2. L-GĦOTI TA' AĊĊESS GĦAL MODULU(I) XIERAQ/XIERQA

Agħżel it-tab "Moduli" u agħti aċċess għal modulu(i) xieraq/xierqa. Skont il-modulu li tagħżel, għandu mnejn ikollok:

- tispeċifika jekk l-awtorità hux se jkollha rwol ta' koordinament jew sempliċement se tagħxi bħala awtorità
- tagħżel minn listi ta' klassifikazzjoni ta' moduli speċifiċi
- tispeċifika l-issettjar għal approvazzjoni, id-dritt tar-rifjut u l-allokazzjoni (għal talbiet għal informazzjoni biss)
- tagħżel koordinatur illinkjat (biss jekk l-awtorità **mhix** assenjata rwol ta' koordinament għall-modulu).


L-utent li tkun diġà reġistrat awtomatikament għandu d-drittijiet kollha ta' utent għall-modulu(i) magħżul(in).

2.2. L-ISTEDINA LILL-AWTORITAJIET GĦAL AWTOREĠISTRAZZJONI

Stedina lill-awtoritajiet għall-awtoreġistrazzjoni tista' tnaqqas il-piż tax-xogħol tiegħek filwaqt li żżomm il-kontroll ġenerali tiegħek tal-proċess ta' reġistrazzjoni. Awtorità tista' biss tirreġistra lilha nfisha meta tirċievi stedina minn Maniġer tal-Aċċess.

Hemm **4 passi** f'dan il-proċess:

1. Bħala Maniġer tal-Aċċess, toħloq u tippreżenta l-istedina ta' reġistrazzjoni. Agħżel fil-menu l-opzjoni "Amministrazzjoni" → "Stedinet ta' reġistrazzjoni".
2. L-awtorità kompetenti tirċievi stedina u tirrikordja d-dejta tagħha fis-sistema.
3. Bħala maniġer ta' aċċess, int se tkun awtomatikament notifikat b'email kull darba li awtorità tirreġistra. Jeħtieġlek tivvalida d-dejta mdaħħla mill-awtorità. Agħżel fil-menu l-opzjoni "Il-kompiti tiegħi" → "Validazzjonijiet pendenti biex tara r-reġistrazzjoni".
4. Agħżel it-tab "Moduli" biex tagħti lill-awtorità aċċess għal moduli tal-IMI rilevanti.



3. AWTORITAJIET TAL-IMMANIĠĠJAR U UTENTI

Meta tirreġistra awtorità fl-IMI ssir awtomatikament il-Maniġer tal-Aċċess tagħha u tidher fuq it-tab "Informazzjoni dwar l-Immaniġġjar" tagħha. **Tista' tappdejtja d-dejta u l-utenti tagħha** bl-użu fil-menu tal-opzjoni "Amministrazzjoni" → "Awtoritajiet Immaniġġjati" fil-menu. Il-kriterji tat-tiftix tal-awtorità disponibbli taħt din l-opzjoni jagħtu biss awtoritajiet li għalihom int il-Maniġer tal-Aċċess. Tista' wkoll tuża dan fil-menu biex timmaniġġja awtoritajiet oħra u l-utenti f'pajjiżek - agħżel "Le" b'rispons għall-kriterju tat-tiftix "L-awtoritajiet tiegħi biss".

3.1. L-AWTORITAJIET TAL-IMMANIĠĠJAR

3.1.1. L-AĠĠORNAMENT TAD-DEJTA BAŻIKA DWAR L-AWTORITAJIET

Dejta dwar l-awtoritajiet għandha tinżamm appdejtjata fl-IMI ħalli awtoritajiet oħrajn ikunu jistgħu faċilment jidentifikaw il-kontrapartijiet tagħhom. Biex tappdejtja d-dejta bażika ta' awtorità:

1. Identifika l-awtorità billi tuża fil-menu l-opzjoni "Awtoritajiet Immaniġġjati".
2. Iftaħ id-dettalji tal-awtorità.
3. It-tab "**Awtorità**" tipprovdi l-buttuna "**Editja awtorità**". Din tippermettilek ukoll li teditja ċerta dejta dwar il-"Klassifikazzjoni", il-"Moduli" u l-"Informazzjoni dwar l-immaniġġjar".

3.1.2. L-APPDEJTJAR TAL-KLASSIFIKAZZJONIJIET, L-ISSETTJAR U L-KOORDINATURI LLINKJATI TAL-MODULI

Biex timmodifika informazzjoni relatata ma' modulu:

1. Agħżel "**Editja awtorità**" fuq it-tab "**Awtorità**".

2. Mur fit-**tab “Moduli”**.
3. Agħżel il-modulu.
4. Immodifika l-klassifikazzjoni, l-issettjar u/jew il-koordinaturi llinkjati.

3.1.3. IŻ-ŻIEDA U T-TNEĦĦIJA TAL-MANIĠERS TAL-AĊĊESS (IT-TAB TAL-INFORMAZZJONI DWAR L-IMMANIĠĠJAR)

It-tab tal-"informazzjoni dwar l-immaniġġjar" turi l-informazzjoni li ġejja dwar awtorità fl-IMI:

- l-istatus tagħha (attiv jew sospiż)
- il-Maniġers tal-Aċċess
- l-istorja tal-appdejts
- Lista tal-utenti tal-awtorità bi drittijiet ta' Amministratur.

Għal darb'oħra, il-**buttuna “Editja awtorità” fit-tab “Awtorità”** tippermettilek iżżid l-awtorità tiegħek bħala Maniġer tal-Aċċess. Dan jagħmilhielek aktar faċli biex timmaniġġja l-awtorità, peress li se jiġu inklużi kriterji tat-tiftix difolt fil-menu għall-opzjonijiet "Awtoritajiet Immaniġġjati" u "Ibgħat email".

3.1.4. L-GĦOTI U S-SOSPENSJONI TAL-AĊĊESS GĦAL MODULI

Biex tagħti jew tissospendi l-aċċess tal-awtorità għal modulu partikulari:

1. Identifika l-awtorità permezz tal-opzjoni "Awtoritajiet Immaniġġjati" fil-menu.
2. Iftaħ id-dettalji tal-awtorità.
3. Agħżel it-**tab “Moduli”**.

Meta tagħti aċċess għal ċerti moduli, għandek tagħżel ukoll koordinatur illinkjat. Meta tagħti aċċess għal modulu ġdid, l-IMI awtomatikament tassenja r-rwoli kollha tal-utent għall-modulu lil kwalunkwe Amministratur fi ħdan l-awtorità. Jista' jkollok **tassenja rwoli għall-modulu lil utenti eżistenti oħrajn jew tirreġistra utenti ġodda għall-modulu**.

Biex tibdel ir-rwol ta' awtorità għal modulu partikulari minn "Awtorità" għal "Koordinatur" (jew viċversa), jeħtieġlek l-ewwel tissospendi l-aċċess tagħha għall-modulu.

3.2. IMMANIĠĠJAR TAL-UTENTI

Flimkien maż-żamma tad-dejta dwar l-awtoritajiet, tista' wkoll tamministra l-utenti tagħhom. Tista':

- tirreġistra utenti ġodda
- tibdel il-username assenjati awtomatikament (ladarba r-reġistrazzjoni tkun kompluta)
- tibdel u tneħħi d-drittijiet tal-utent (tassenja u tneħħi rwoli għal moduli differenti)
- tissettja mill-ġdid il-passwords
- tneħħi l-utent.

Biex timmaniġġja l-utenti:

1. Sib l-awtorità rilevanti billi tuża "Amministrazzjoni" → l-opzjoni "Awtoritajiet Immaniġġjati" fil-menu.
2. Iftaħ id-dettalji tal-awtorità.
3. Agħzel it-**tab "Utenti"**.
4. Tidher il-lista tal-utenti reġistrati. Issa tista' teditja d-dettalji tagħhom jew tibdel il-passwords¹.

 Meta tirreġistra utent ġdid, hu jew hi awtomatikament tirċievi password temporanja permezz ta' email. **Hu l-kompitu tiegħek li tgħid lill-utent il-username tiegħu jew tagħha.** Għal raġunijiet ta' sigurtà, **ma għandekx** tuża email għal dan l-iskop.

3.2.1. L-ISKADENZA TAL-PASSWORD

Il-Passwords għandhom jinbidlu kull 6 xhur. L-utenti jirċievu nota ta' tfakkir b'email.²

Bħala Maniġer tal-Aċċess tista' tara:

- jekk utent illoggja tal-anqas darba (status: **attiv**)
- qatt ma lloggja (status: **ġdid**)
- jekk l-utent għandux password temporanja, valida, imblukata jew skaduta.

4. GħOTI TA' AĊĊESS GĦAL MODULU INTRODOTT REĊENTEMENT

Meta **modulu ġdid hu miżjud lill-IMI**, jista' jkun d-dmir tiegħek li tidentifika l-awtoritajiet li se jkollhom bżonn jużawh. Alternattivament, xi ħadd ieħor jista' jkun responsabbli biex jidentifika l-awtoritajiet rilevanti, filwaqt li jibqagħlek il-kompitu li tagħtihom aċċess fl-IMI.

 Malli dawn l-awtoritajiet huma **identifikati, iċċekkja jekk humiex diġà reġistrati fl-IMI**. Jekk awtorità hi diġà reġistrata għal modulu eżistenti, sempliċement agħti aċċess għal modulu ġdid taħt it-**tab "Moduli"** (ara t-taqsim 3.1.4). Jekk awtorità għadha **mhix** reġistrata fl-IMI, jew irreġistrahha int stess jew ibgħat stedina ta' awtoreġistrazzjoni (ara t-taqsim 2.1).

¹ Meta tissettja mill-ġdid il-password, is-sistema tibgħat email lill-utent b'password temporanja.

² Il-passwords għandhom jikkonformaw mar-regoli li ġejjin:

- L-aħħar 5 passwords ma jistgħux jintużaw.
- Il-password jeħtiġilha jkollha mill-anqas 8 karattri
- Jeħtiġilha jkollha tal-anqas: karattru kbir 1 , karattru żgħir 1 , ċifra numerika 1.

5. TNEĦĦIJA TA' AWTORITÀ MILL-IMI

Biex tneĥhi awtorità:

1. **Issospendi l-aċċess tagħha għall-moduli kollha.**

Tista' tissospendi l-aċċess għall-moduli, wieħed wieħed, fuq it-tab **"Moduli"**. Meta tissospendi aċċess għal modulu partikulari l-awtorità se tkun tista' tikkompleta kwalunkwe skambju li jkun għaddej f'dak il-modulu iżda ma tkunx tista' tagħti bidu jew tirċievi skambji ġodda. Tista' fi kwalunkwe ħin tagħti mill-ġdid lill-awtorità aċċess għal modulu sospiż.

2. **Iddiżattiva l-awtorità mit-tab "Awtorità"**. Dan ifisser li hi ma tistax tirċievi kwalunkwe talba jew notifika ġdida mingħand awtoritajiet oħrajn, u li ma tkunx misjuba mill-opzjoni ġenerali "Awtoritajiet" → "Tiftix fil-menu".

3. Sakemm ma "terġax tattiva" l-awtorità, din **titħassar** mill-IMI **6 xhur wara d-diżattivazzjoni**.

1. Issospendi l-aċċess għal moduli kollha awtomatikament → 2. Iddiżattiva l-awtorità → 3. L-awtorità titħassar

Jekk jeħtiegħek **terġax tattiva** l-Awtorità **qabel ma titħassar**, uża t-tab "Awtorità". Imbagħad erga' agħtiha l-aċċess tagħha għal moduli xierqa sabiex tkun tista' tiskambja l-informazzjoni.